TRIBUNAL GHAT-TALBIET
TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/304/11/S

Anabel Agius

Vs

Duncan Delia

Illum 4 ta'Jannar,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anabel Agius datata 8 ta'Lulju,2011 u r-risposta ta' Duncan Delia datata 30 ta'Awwissu,2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tal-partijiet magħmula fit-2 ta'Dicembru,2011;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ħsara f'telefon ċellulari mixtri mingħand l-intimat;

Illi jingħad mal-ewwel li t-Tribunal hu ffaċċjat b'żewġ verżjonijiet differenti fejn l-intimat qed jinsisti li t-tip ta' 'corrosion' fuq ġewwa li għandu l-'mobile', jindika li daħal xi ilma fuq ġewwa filwaqt li r-rikorrenti tiċħad dan;

Illi l-'mobile' in kwistjoni kien għadu kopert mill-garanzija;

Illi hu prinċipju ben stabbilit li "min jallega jrid jipprova" u dan fuq l-istreqwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" kif spjegat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-13 ta'Jannar,1999 fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited";

Illi l-'mobile' ma ġiex muri lit-Tribunal;

Illi jinkombi lir-rikorrenti li tipprova l-każ tagħha u dan it-Tribunal iħoss li ma sarx fil-każ in eżami;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrenti Anabel Agius u Jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Duncan Delia, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888